# Il-Kanturi tal-Kolleġġjata Elenjana (1771 - 1991)

## minn Winston L. Zammit B.A. (Hons.), M.A.

Il-mewt tal-Kanonku Kantur Dun Vinċenz Ciappara li ġrat fil-5 ta' Diċembru ta' l-1991, qanqlitni biex nikteb dan l-artiklu dwar din id-dinjità tal-Kapitlu Elenjan.

Din id-dinjità, preżentament ir-raba' dinjità tal-kapitlu Elenjan wara dik tal-Prepostu, l-Arċipriet u d-Dekan, hija parti mill-Fundazzjoni Perina, għax kienet twaqqfet mill-Kan. Dun Perin Borg fit-28 ta' Diċembru 1771.[1] Meta twaqqfet din id-dinjità kienet it-tieni dinjità tal-kapitlu wara dik tal-Prepostu-Arċipriet. Meta fl-1859, fi ħdan l-istess kapitlu twaqqfet id-dinjità Dekanali,[2] din saret it-tieni dinjità u l-kantur sar it-tielet dinjità. Bir-rikostruzzjoni tad-dinjità Arċipretali fl-1981, il-Kantur sar ir-raba' dinjità tal-Kapitlu.[3]

Il-Kanonku Kantur bħala għelm ta' uffiċċju tiegħu jġorr fuq spalltu, virga, waqt il-purċissjonijiet u l-funzjonijiet fis-solennitajiet Prepositali, il-kanonku kantur liebes ir-rukkett u l-pivjal bil-virga fuq spalltu, jagħti lill-Prepositu l-intonazzjoni ta' l-Innu, l-ewwel Antifona u ta' l-Antifona ta' qabel il-Magnificat fl-Għasar u tal-Glorja u tal-Kredu fil-quddiesa solenni: lejlet il-festa ta' Santa Liena filgħodu, il-kanonku kantur liebes ir-rukkett u l-pivjal kien jaqra l-Martiroloġiju tal-kor.

Sa' issa mit-twaqqif ta' din id-dinjità sal-mewt tal-Kanonku Kantur Ciappara, il-kapitlu Elenjan kellu tmien kanturi, li kienu: Dun Manwel Charbon, Dun Costantino Charbon, Dun Glormu Debono, Dun Ġużepp Charbon, Dun Manwel Debono, Dun Alwiġ Debono, Dun Manwel Grech u Dun Vinċenz Ciappara. F'dan l-artiklu se nagħtu ftit tagħrif fuq kull wieħed minnhom.

**1. Kantur Manwel Charbon**
Jissemma bħala Kanonku Kantur fil-Viżti Pastorali ta' l-1789, 1804 u 1805.[4]

**2. Kantur Costantino Charbon**
Fil-Viżta Pastorali ta' l-1820 meta għadu kjeriku nsibuh imniżżel fil-lista tal-Kanonċi Elenjani bħala Kanonku Kantur,[5] u nsibu li kien ingħata t-tonsura klerikali f'ordinazzjoni li saret mill-Isqof Mattei fil-11 ta' Lulju 1819.[6] Ġie ordnat Djaknu mill-istess Isqof f'ordinazzjoni Ġenerali li saret fil-kon-katidral ta' San Ġwann fl-20 ta' Diċembru 1823.[7] Fil-bidu tas-sena 1820, il-kjeriku Kan Costantino Charbon kien wieħed mill-uffiċjali u ħaddiem tal-konfraternità tad-Duttrina Nisranija li twaqqfet fil-kolleġġjata Elenjana mill-Isqof Mattei fl-20 ta' Jannar 1820 u nsibu li kellu żewġ karigi dik ta' "Pescatore" u dik ta' għalliem fid-Disa klassi.[8] Il-Kan. Kantur Charbon miet fil-25 ta' Novembru 1847.[9]

**3. Il-Kantur Ġlormu Debono**
Wara l-mewt tal-Kantur Charbon, fid-9 ta' Diċembru 1847, saret laqgħa tal-Kapitlu Elenjan u f'din il-laqgħa il-Kan. Teologu Ġlormu Debono talab li jaqleb għad-dinjità ta' Kantur. Il-kapitlu laqa' t-talba tiegħu u nhar id-19 ta' Diċembru 1847, il-Prepostu Dun Ġużepp Debono fil-preżenza ta' diversi kanonċi, qiegħed lill-Kantur Debono fl-ewwel sedja tal-kor u tal-virga tal-kantur "come insegna di detta dignità ed indicando il possesso della stessa".[10]

Il-Kantur Ġlormu Debono ġie ordnat Saċerdot fl-20 ta' Settembru 1834.[11] Sar Kanonku Teologu u wara kif rajna fl-1847 opta u sar kantur. Fil-Viżta Pastorali ta' Mons. Sant 1849

*jkompli f'paġna 23*

ġie maħtur Prokuratur tal-knisja filjali ta' San Filippu u San Ġakbu.[12] Il-Kantur Debono miet fl-1 t'Ottubru 1872 fl-età ta' 63 sena.[13]

**4. Il-Kantur Ġużepp Charbon.**
Is-suċċessur tal-kantur Debono, kien il-kanonku Penitenzier Dun Ġużepp Charbon, li opta u sar kantur. Għalhekk insibu li fit-13 ta' Ottubru 1872, il-Prepostu Dun Salv Spiteri "ha immesso nel primo stallo del coro, l'eletto can. cantore Don Gius Charbon u gli consegnò in mano la verga cantorale".[14]

Il-kantur Charbon, li kien iben Pietru Charbon u Marija Anna Sammut kien ilu Kan Penitenzier tal-kolleġġjata minn April 1855 meta kien għadu kjeriku,[15] u ġie ordnat saċerdot fid-19 ta' Diċembru 1863.[16] Fil-viżta Pastorali ta' Mons. Pace Forno ta' l-1864 ġie maħtur Amministratur tal-kaxxa magħrufa bħala tas-suffraġji jew tal-Madonna tad-Duttrina,[17] u jidher li f'din il-kariga aktarx li kien responsabbli għall-festa tal-Madonna tad-Duttrina, u fil-fatt fl-1870 insibu mniżżel li kien il-prokuratur ta' din il-festa.[18]

Sena wara fis-16 ta' Ġunju 1871, ġie maħtur mill-Isqof bħala Prokuratur tal-knisja Kolleġġjata ta' B'Kara tal-'Veneranda Lampada".[19] Fl-1872 kif rajna, opta u sar Kanonku Kantur u fl-1876 ġie wkoll maħtur Prokuratur tal-'Veneranda Falnca' ta' l-istess knisja[20] u kien ukoll Puntatur.[21]

Il-Kantur Charbon ħabrek sabiex il-qiegħa tat-Tempju Elenjan bdiet tiġi ċċangata bl-irħam, u dan ix-xogħol sar fl-1878.[22] Miet fl-età żgħira ta' 46 sena, fit-18 ta' Lulju, 1880.[23]

**5. Kantur Dun Manwel Debono**
Ġimgħa wara l-mewt tal-Kantur Charbon, fil-25 ta' Lulju 1880, il-kanonku teologu Dun Manwel Debono opta u sar kantur.[24] Il-Kanonku Debono kien ġie elett Kan. Teologu mill-Kapitlu Elenjan fit-23 ta' Frar 1860, meta kien għadu student u ħa l-pussess fis-6 ta' Mejju 1860,[25] ġie ordnat saċerdot fl-24 ta' Settembru 1870.[26] Fl-1880 opta u sar Kanonku Kantur, u fit-13 ta' Settembru 1880 ġie maħtur Puntatur tal-kolleġġjata.[27] Il-kantur Debono miet fis-27 ta' April 1914.[28]

**6. Kantur Dun Alwiġ Debono**
Twieled fl-1857.[29] Kien għadu kjeriku meta fis-seduta kapitulari tad-29 ta' Ottubru 1880, ġie elett Kanonku Teologu tal-kolleġġjata Elenjana u ħa l-pussess fid-29 ta' Novembru 1880.[30] Ġie ordnat saċerdot fil-kappella tal-Palazz Arċiveskovili mill-Isqof Buhagiar fit-18 ta' Settembru 1886.[31] Dun Alwiġ sar Kanonku Kantur fl-1914.[32] Kien ukoll konfessur u predikatur, u prekuratur tal-Legati Piji konnessi mal-Venevanda Lampada.[33] Ħadem ukoll fl-Oratorju.[34] Miet fis-7 ta' Ottubru 1937, fl-età ta' 80 sena.[35]

**7. Kantur Dun Manwel Grech**
Twieled fl-1890[36] u ġie elett kanonku Teologu fl-1 ta' Novembru 1914, meta kien għadu suddjakonu.[37] Ġie ordnat saċerdot fl-1915, u qaddes l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-kolleġġjata Elenjana nhar il-Milied 1915.[38] Dun Manwel kien predikatur u konfessur, lawrjat mill-Università tas-Sapienza, Ruma, u għallem fil-kulleġġ San Alwiġi u fil-kulleġġ Robertson.[39]

Fit-12 ta' Ottubru 1937, wara l-mewt tal-Kantur Debono opta u sar kantur u ngħata l-pussess mill-Kan Prepostu fl-awla kapitulari fis-27 ta' Ottubru 1937.[10] Iżda l-Kan Grech ma

*jkompli f'paġna 25*

tantx dam igawdiha din id-dinjità għax miet lejliet il-Milied ta' l-1944.[41]

**8. Kantur Dun Vinċenz Ciappara**
Is-suċċessur tal-Kantur Grech, kien il-Kanonku Teologu Dun Vinċenz Ciappara B.D. Iben Karlu u Ġuditta Vella, twieled f'B'Kara fl-10 ta' Diċembru 1917. Dun Vinċenz ġie ordnat saċerdot fl-1943[42] u wara l-ordinazzjoni ġie maħtur ċeremonier tal-Kapitlu Elenjan u kien ukoll segretarju tal-Kapitlu.[43] Bħala ċeremonier kapitulari ħa sehem flimkien mal-kapitlu Elenjan fiċ-ċerimonja ta' l-Ingress ta' l-Arċisqof M. Gonzi fil-Katidral ta' l-Imdina f'Mejju 1944.[44] Fit-8 ta' Lulju 1944 Dun Vinċenz għamel il-konkors għall-Kanonku Teologu u ġie approvat. Ġie nnominat kanonku Teologu fit-12 t'Awissu u ħa l-pussess fis-16 ta' Awissu 1944.[45] F'Jannar tas-sena ta' wara, wara l-mewt tal-Kantur Grech, sar Kanonku Kantur u kellu jgawdi din id-dinjità 46 sena.[46]

Il-Kantur, kif kien jafu kulħadd, ħadem fi ħdan l-Azzjoni Kattolika, kemm fuq bażi parrokkjali u wara djoċesana, u kien Ass. Ekkleżjastiku tal-Fergħa ta' l-Irġiel. Kien ukoll prokuratur ta' l-artal u tal-Fratellanza ta' San Ġużepp. Għal diversi snin għallem il-Liċeo sakemm irtira fl-1977, u wara għamel xi żmien jieħu ħsieb il-knisja l-Qadima. Miet fil-5 ta' Diċembru 1991.

**Noti**
1 V. Buhagiar Tagħrif fuq il-Parroċċa Kolleġġjata ta' B'Kara (1984) p.9.
2 B'Kara 360 Kolleġġjata 1630 1990 p. 41,42,43.
3 V. Buhagiar op. cit p. 11 footnote 4.
4 A(rkivju) K(urja) A(rċiveskovili) Viżta Pastorali Labini 1789 f 122R, Viżta Pastorali Labini 1804 f 110V, Vista Pastorali Labini 1805 f 74n
5 A.K.A., Viżta Pastorali Mons Mattei f 144 R.
6 A(rkivju) K(attidral) M(dina) R.O. 14 f 77R
7 Ibid f 97R
8 L(ibrerija) N(azzjonali) M(alta) 747
9 A(rkivju) K(urja) A(rċiveskovili) Suppliche 1850-1851 Vol 11 f 446R.
10 Ibid f 446R, 448V
11 A.K.M. R.O. 15, (1831-1847) f46 R
12 A(rkivju) K.A. V(iżta) P(astorali) Sant 1849 f 187V
13 Il Portafoglio Maltese 4.x.1872.
14 A.K.A. Recenti Collazioni dei Canonicati di B'Kara 1859-1906 f 49R
15 A(rkivji) P(arrokkjali) B('Kara) VIII Morte 1870-1880
16 A.K.M. R.O 17 f 34R, 34V.
17 A.K.A. V.P. Pace Forno 1864 f 114V
18 L'Ordine 2.VI.1870
19 A.K.A. Atti Ċivili 1863-1878 f 285R
20 Ibid Atti Ċivili f 421 R
21 Ibid Atti Ċivili 1879-1882 f 48V
22 Fede ed Azione 24.VIII.1878
23 A(rkivju) P(arrokkjali) B('Kara) VIII Morte 1870-1880
24 A.K.A. Recenti Collezione op. cit. f128R
25 Ibid. f 15R, 20R, 9R.
26 A.K.M. R.O. 17 (1857-1874) f 65V
27 A.K.A. Atti Ċivili 1879-1882 f48V
28 Ordo 1915
29 A.K.A. Sacerdotuim Omnuim p. 17
30 A.K.A. Recenti Collezioni, op cit, f 128R, 134R, 134V.

*jkompli f'paġna 27*

[30] A.K.A. Recenti Collezioni, op cit, f 128R, 134R, 134V.
[31] A.K.M. R.O. (1885-1889) f8R.
[32] Ara d-data taħt l-Arma tiegħu fl-Awla Kapitulari u A.K.A. Sacerdotuim Omnuim P. 17.
[33] A.K.A. Sacerdotuim Omnuim p. 17
[34] Annuario della Diocesi di Malta Anno 1-1933 p. 130.
[35] Leħen is-Sewwa 13.x.1937.
[36] A.K.A. Sacerdotium Omnium p. 107
[37] S. Borg Olivier Rikordji tas-16-il ċentinarju ta' Sant'Elena 328 - 1928 p. 23.
[38] It-Tagħrif dwar il-Prima Messa tiegħu kien ġie mogħti lili minn Ninu s-Sagristan.
[39] S. Borg Oliveri, op. cit. p. 23.
[40] Lucerna Nov 1937 p. 236.
[41] Ġabra ta' Mħabba u Sotrja Elenjana 1977 p. 95.
[42] Il-Qanpiena nru 130, Jannar 1992, p. 3
[43] A.K.A. Canonicati di B'Kara 1908-1949.
[44] Tagħrif mogħti lili mill-mejjet Kantur Ciappara nnifsu.
[45] ibid.
[46] Tagħrif mogħti lili mill-mejjet Kantur Ciappara nnifsu 10.iii.1991.